MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
GRAZIELLA BEZZINA**

Seduta tat-12 ta' April, 2013

Talba Numru. 397/2012

**Mobisle Communications Limited
C-24655**

**vs**

**Hayes Keith Raymomd
ID-500184(M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta’ attrici talbet illi l-konvenut ghandu jaghti lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ tlett elef mija hamsa u erbghin ewro u sebgha u hamsin centezmu (€3,145.57c) in konnessjoni ma’ *79542937 (AC50664306)*, liema servizzi gew ikkuntrattati permezz ta’ kuntratt datat 13 ta’ Gunju, 2007.

Illi interpellat diversi drabi sabiex jghaddi ghall-hlas, il-konvenut baqa’ inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza kontra l-konvenut illi huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Bl-imghax u bl-ispejjez, inkluz dawk tal-ittra ufficjali 4252/11.

Ra d-dokumenti li gew ipprezentati mis-socjeta’ attrici u li gew immarkati minn “Dok.A” sa “Dok.D”.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta’ attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondi ghalih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta’ attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lill- konvenut ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ tlett elef mija hamsa u erbghin ewro u sebgha u hamsin centezmu (€3,145.57c), bl-imghax kif mitluba. L-ispejjez jkunu a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------